# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 7 ta' Novembru 2001**

**Numru 3**

**Citaz. numru: 1524/95 M1 NA**

**Saviour Farrugia, ufficjal inkarigat mis-Sezzjoni Arretrati ghan-nom u in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tal-21 ta' April 1999 l-atti tal-kawza gew assunti mis-socjeta' Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Stephen Demanuele**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur nomine ppremetta:

"Illi r-regolamenti vigenti w il-ftehim ta' kera u servizz ta' telephone bejn il-partijiet hawn anness a Dokument "A", il-konvenut ghandu jaghti lill-attur nomine s-somma ta' Lm1452.75 (elf erba' mija u tnejn u hamsin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi) dovuti in konnessjoni mas-servizz tat-telephone numru 482502;

Illi dan l-ammont jikkonsisti fil-kera ghas-serivzz u telephone calls maghmula, kif ukoll fi spejjez ohra ndikati fil-prospett dettaljat a Dokument "B";

Illi minkejja interpellat ihallas il-kont, il-konvenut baqa' inadempjenti;

TALAB li din il-Qorti:

1. tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm1452.75 dovuti bhala kera, servizz u spejjez ohra in konnessjoni mat-telephone numru 482502 skond il-prospett esebit a Dokument "B", kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 346/95 LF data 25 ta' Jannar 1995 bl-imghaxijiet kalkolati mill-kontijiet relattivi, kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Rat ir-rikors tat-12 ta' Novembru 1998 u d-digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' April 1999 fejn l-atti gew assunti mis-socjeta' Maltacom p.l.c.

Semghet ix-xhieda ta' l-attur;

Semghet l-Avukat ta' l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.